SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

23 ta' Ottubru 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Artikolu 25(1) – Ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li jinsab f'kuntratt ta' subappalt – Ċessjoni ta' kreditu li tirriżulta mill-kuntratt – Infurzabbiltà tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni miċ-ċessjonarju fil-konfront tad-debitur tal-kreditu – Kundizzjonijiet"

Fil-Kawża C-682/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Novembru 2023, fil-proċedura

E.B. sp. z o.o.

vs

K.P. sp. z o.o.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn I. Ziemele, President ta' Awla, A. Kumin (Relatur) u S. Gervasoni, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Spielmann,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal E.B. sp. z o.o., minn D.-V. Ceauşu u A. Cristescu, avukati,

– għal K.P. sp. z o.o., minn H. Bora, avukat, M. Ostrowskipour K.P. sp. z o.o., minn H. Bora, avukat, M. Ostrowski, radca prawny, u R.-E. Stuparu, avukata,

– għall-Gvern Svizzeru, minn M. Kähr u L. Lanzrein, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Biolan u S. Noë, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat—12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell Ia").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn E.B. sp. z o.o. u K.P. sp. z o.o., żewġ kumpanniji rregolati mid-dritt Pollakk, dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati Rumeni sabiex jieħdu konjizzjoni ta' rikors ippreżentat minn E.B. kontra K.P., aditi abbażi ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni konkluż bejn din l-aħħar kumpannija u E. S.A., kumpannija rregolata mid-dritt Rumen, li ttrasferixxiet lil E.B. il-kreditu li huwa s-suġġett ta' dan ir-rikors.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001

3 L-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell I"), kien jipprovdi:

"Jekk il-partijiet, wieħed jew aktar minnhom ikollu d-domiċilju fi Stat Membru, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollu ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi kwistjonijiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu in konnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dak il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni. Ġurisdizzjoni bħal dik għandha tkun esklussiva sa kemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor. Ftehim bħal dak li jagħti ġurisdizzjoni għandhu jkun jew:

(a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba; jew

(b) f'għamla li taqbel mal-prattiċi li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom; jew

(ċ) f'negozju jew kummerċ internazzjonali, f'għamla li taqbel ma' l-użanza li biha l-partijiet huma jew li għandhom ikunu konxji u li dwarhom dak in-negozju jew kummerċ ikun magħruf sewwa, u regolarment osservat minn, partijiet għal kuntratti tat-tip involut f'dak in-negozju jew kummerċ partikolari ikkonċernat."

Ir-Regolament Brussell Ia

4 Il-premessi 15, 16 u 19 tar-Regolament Brussels Ia jipprovdu li:

"(15) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom ikunu prevedibbli ħafna u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut. Il-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq il-bażi ta' din ir-raġuni ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tat-tilwima jew ta' awtonomija tal-partijiet ikunu jeħtieġu fattur ta' konnessjoni differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b'hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

(16) Barra d-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm raġunijiet alternattivi ta' ġurisdizzjoni bbażati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. L-eżistenza ta' konnessjoni mill-qrib għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u tevita l-possibbiltà li l-konvenut jiġi mħarrek f'qorti ta' Stat Membru li dan il-konvenut ma setax raġonevolment jipprevedi. […]

[…]

(19) L-awtonomija tal-partijiet f'kuntratt, apparti minn kuntratt ta' assigurazzjoni, tal-konsumatur jew ta' impjieg, fejn tiġi permessa biss awtonomija limitata sabiex jiġu determinati l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni, għandha tiġi rispettata skont ir-raġunijiet esklużivi ta' ġurisdizzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament."

5 L-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru."

6 L-Artikolu 5(1) tar-regolament imsemmi jaqra kif gej:

"Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla fit-Taqsimiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu."

7 Skont l-Artikolu 25 tal-istess regolament:

"1. Jekk il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu inkonnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Ġurisdizzjoni bħal din għandha tkun esklużiva sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor. Il-ftehim li jagħti ġurisdizzjoni għandu jkun jew:

(a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba;

(b) f'għamla li taqbel mal-prattiki li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom; jew

(c) f'negozju jew kummerċ internazzjonali, f'għamla li taqbel mal-użanza li dwarha l-partijiet huma jew li kellhom ikunu konxji u li f'dak in-negozju jew kummerċ tkun magħrufa sewwa, u regolarment osservata minn, partijiet għal kuntratti tat-tip involut f'dak in-negozju jew kummerċ partikolari kkonċernat.

[…]

4. Ftehim jew dispożizzjonijiet ta' strument ta' trust li jagħtu ġurisdizzjoni m'għandux ikollhom forza legali jekk dawn imorru kontru l-Artikoli 15, 19 jew 23, jew jekk il-qrati li l-ġurisdizzjoni tagħhom dawn iridu jeskludu jkollhom il-ġurisdizzjoni esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 24.

5. Ftehim li jagħti ġurisdizzjoni li huwa parti minn kuntratt għandu jiġi ttrattat bħala ftehim indipendenti mit-termini l-oħra tal-kuntratt.

[…]"

Id-dritt nazzjonali

Id-dritt Rumen

8 L-Artikolu 1068(1) tal-Legea nr. 134/2010 privind Codul de procedură civilă (il-Liġi Nru 134/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), tal-1 ta' Lulju 2010 (ippubblikata mill-ġdid fil-Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 247 tal-10 ta' April 2015) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Rumen"), huwa fformulat kif ġej:

"Fil-qasam patrimonjali, il-partijiet jistgħu jiftiehmu dwar il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' tilwima attwali jew potenzjali li tirriżulta minn relazzjoni b'elementi barranin. Il-ftehim jista' jiġi konkluż bil-miktub, telegramma, telex, faks jew kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ieħor li jippermetti li tiġi stabbilita l-prova tiegħu permezz ta' test. Fin-nuqqas ta' stipulazzjoni kuntrarja, il-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula hija esklużiva."

9 Skont l-Artikolu 1071 ta' dan ir-regolament:

"1. Il-qorti invokata għandha tivverifika *ex officio* l-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha billi taġixxi skont ir-regoli nazzjonali dwar il-ġurisdizzjoni. Jekk hija tikkonstata li la hija u lanqas xi qorti Rumena oħra ma għandha ġurisdizzjoni, hija għandha tiċħad ir-rikors bħala li ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati Rumeni, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 1070. Id-deċiżjoni tal-qorti tista' tiġi appellata quddiem il-qorti superjuri.

2. In-nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Rumeni jista' jiġi invokat fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, inkluż direttament fil-kuntest ta' rimedju ġudizzjarju. […]"

Id-dritt Pollakk

10 L-Artikolu 509(2) tal-ustawa – Kodeks cywilny (il-Liġi li tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili), tat-23 ta' April 1964 (Dz. U. Nru 16, pożizzjoni 93), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ċivili Pollakk") jipprovdi li "l-akkwirent għandu jikseb, minbarra d-dejn, id-drittijiet marbuta miegħu, b'mod partikolari d-dejn bħala interessi moratorji".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 E.B. u E. PL., żewġ kumpanniji rregolati mid-dritt Pollakk, ikkonkludew, rispettivament fl-24 ta' Marzu u fl-24 ta' Lulju 2017, żewġ kuntratti li kellhom bħala għan, l-ewwel wieħed, il-preparazzjoni ta' art għall-kostruzzjoni, fil-Polonja, ta' fabbrika ġdida ta' manifattura ta' prodotti tal-injam u, it-tieni wieħed, it-twettiq tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' din il-fabbrika. Skont dawn il-kuntratti, E. PL impenjat ruħha, b'mod partikolari, fil-konfront ta' E.B., li tipprovdi servizzi relatati mad-disinn tax-xogħol u li teżegwixxi xogħlijiet ta' pedamenti ta' din il-kostruzzjoni.

12 Sa mill-4 ta' Marzu 2017, E. PL. kienet ikkonkludiet kuntratt ta' subappalt ma' E. S.A., kumpannija rregolata mid-dritt Rumen. Fl-10 ta' Lulju 2017, din tal-aħħar, min-naħa tagħha, ikkonkludiet kuntratt ta' subappalt ma' K.P., kumpannija rregolata mid-dritt Pollakk (iktar 'il quddiem il-"kuntratt ta' subappalt inkwistjoni"). Dan l-aħħar kuntratt jinkludi klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li abbażi tagħha "kull tilwima għandha tiġi deċiża mill-qorti tas-sede tal-kontraent" (iktar 'il quddiem il-"klawżola li tattribwixxi l-ġurisdizzjoni inkwistjoni"), mingħajr ma tiġi ppreċiżata l-portata eżatta tat-terminu "parti kontraenti".

13 L-erba' kuntratti msemmija fiż-żewġ punti preċedenti kollha jinkludu klawżola li skontha huma rregolati mil-liġi Pollakka.

14 Permezz ta' kuntratt ta' trasferiment ta' kreditu tas-16 ta' Diċembru 2021, konkluż bejn E. S.A. u E.B. bil-parteċipazzjoni ta' E. PL., E. S.A. ittrasferixxiet lil E.B. dritt għal kumpens li l-ammont tiegħu jammonta għal PLN 14 050 878.35 zlotys Pollakki (madwar EUR 3 289 311) (iktar 'il quddiem id-"dritt għal kumpens inkwistjoni"), kreditu allegatament miżmum minn E. S.A. fir-rigward ta' K.P. minħabba l-eżekuzzjoni żbaljata, minn din tal-aħħar, tal-obbligi kuntrattwali tagħha li jirriżultaw mill-kuntratt ta' subappalt inkwistjoni.

15 Fil-21 ta' Diċembru 2021, E.B. ippreżenta rikors kontra K.P. quddiem it-Tribunalul Specializat Cluj (il-Qorti Speċjalizzata ta' Cluj, ir-Rumanija), intiż għall-irkupru tad-dritt għal kumpens inkwistjoni, flimkien mal-interessi moratorji. Insostenn ta' dan ir-rikors, E.B. invokat kemm ir-responsabbiltà kuntrattwali kif ukoll ir-responsabbiltà kriminali ta' K.P. Sabiex tiġġustifika għalfejn adixxiet lit-Tribunalul Specializat Cluj (il-Qorti Speċjalizzata ta' Cluj), E.B. ibbażat ruħha fuq il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkwistjoni, peress li qieset li din il-qorti kellha ġurisdizzjoni bħala qorti li fit-territorju tagħha E. S.A. kellha s-sede tagħha.

16 Bħala difiża, K.P. qajmet eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Rumeni. Fir-rigward, minn naħa, tar-responsabbiltà kriminali tagħha, K.P. sostniet li l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkwistjoni ma kinitx applikabbli f'dan il-qasam u li kellu jsir riferiment għall-punt 2 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia li kien jindika l-ġurisdizzjoni tal-qrati Pollakki, peress li l-allegat fatt dannuż seħħ fil-Polonja. Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tat-tqegħid indiskussjoni tar-responsabbiltà kuntrattwali tagħha, K.P. allegat li E.B. ma setgħetx, bħala terz għall-kuntratt ta' subappalt inkwistjoni, tinvoka l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkwistjoni.

17 Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Diċembru 2022, it-Tribunalul Specializat Cluj (il-Qorti Speċjalizzata ta' Cluj) laqgħet din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u, għalhekk, ċaħdet l-imsemmi rikors minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qrati Rumeni. Fil-11 ta' April 2023, E.B. appellat minn din is-sentenza quddiem il-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija), li hija l-qorti tar-rinviju.

18 E.B. issostni, essenzjalment, li l-kunsens għal klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni miċ-ċessjonarju ta' kreditu mnissel mill-kuntratt li jinkludi din il-klawżola, irrispettivament mill-mument li fih dan iċ-ċessjonarju jesprimi tali kunsens, huwa biżżejjed sabiex din il-klawżola tipproduċi l-effetti tagħha, peress li l-parti kontraenti inizjali taċ-ċedent li fir-rigward tagħha tiġi invokata l-imsemmija klawżola ma hijiex obbligata tagħti kunsens ġdid, peress li hija tat dan il-kunsens waqt il-konklużjoni ta' dan il-kuntratt. F'tali każ, il-qorti nazzjonali indikata minn din il-klawżola ma jkollhiex iktar teżamina jekk l-imsemmi ċessjonarju huwiex issurrogat fid-drittijiet u fl-obbligi taċ-ċedent, peress li tali verifika hija rilevanti biss f'sitwazzjoni fejn huwa d-debitur ittrasferit li għandu l-intenzjoni li jinvoka kontra l-istess ċessjonarju klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkluża fil-kuntratt li abbażi tiegħu tnissel il-kreditu ċedut. Issa, f'dan il-każ, mhux biss E.B., fil-kwalità tagħha ta' ċessjonarju tad-dritt għal kumpens inkwistjoni, ma topponix l-applikazzjoni tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkwistjoni, iżda tinvokaha hija stess. Barra minn hekk, sa fejn E.B. għandha l-kwalità ta' ċessjonarju ta' kreditu li jirriżulta mill-kuntratt ta' subappalt inkwistjoni li fih tinsab din il-klawżola, ma hemmx lok li tiġi applikata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar is-sitwazzjonijiet li fihom it-terz ma kellu ebda rabta mal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li waħda mill-partijiet inizjali għall-kuntratt kellha l-intenzjoni li tinvoka kontrih.

19 K.P. issostni li klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni tista' tipproduċi effetti biss bejn il-partijiet inizjali fil-kuntratt u mhux fir-rigward ta' terz, bħaċ-ċessjonarju ta' kreditu li jirriżulta minn dan il-kuntratt, fid-dawl tan-natura *intuitu personae* ta' tali klawżola, li hija r-riżultat tan-negozjati bejn dawn il-partijiet inizjali. Għalhekk ikun neċessarju, fil-każ ta' tilwima, li jiġi vverifikat li ċ-ċessjonarju tal-kreditu li nħoloq mill-kuntratt inizjali u d-debitur ittrasferit huma marbuta bil-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li tinsab f'dan il-kuntratt, peress li din l-eżistenza għandha tkun is-suġġett ta' eżami distint, peress li tali klawżola għandha natura awtonoma meta mqabbla mal-imsemmi kuntratt. Barra minn hekk, abbażi tal-prinċipju tal-awtonomija tal-volontà, il-firmatarju ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni ma jistax ikollu din il-klawżola invokata kontrih minn terz, peress li l-kunsens tiegħu għall-klawżola msemmija ġie espress b'kunsiderazzjoni tar-relazzjoni ta' dritt stabbilita mal-parti kontraenti l-oħra u hija limitata għar-rapporti tiegħu magħha. Finalement, peress li l-Artikolu 25 tar-Regolament Brussell Ia, dwar il-klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni, għandu natura ta' deroga fil-konfront tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni stabbiliti minn dan ir-regolament, u għandu għalhekk jingħata interpretazzjoni stretta, għandu jitqies li l-eżistenza ta' "[ftehim bejn il-partijiet] li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu inkonnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandha tkun ikkonstatata bejn il-partijiet fit-tilwima stess.

20 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, f'dan il-każ, E.B., minn naħa, bħala ċessjonarju tad-dritt għal kumpens inkwistjoni, tinvoka l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkwistjoni u għalhekk tuża dritt li huwa marbut mal-kuntratt ta' subappalt inkwistjoni li hija għandha l-intenzjoni li tinvoka kontra K.P., bħala debitur ittrasferit li inizjalment ta l-kunsens tiegħu għal din il-klawżola meta huwa ffirma dan il-kuntratt, iżda li, min-naħa l-oħra, bħala ċessjonarju ta' dan il-kreditu biss, hija ma hijiex issurrogata fid-drittijiet u fl-obbligi kollha ta' E. S.A. abbażi tal-imsemmi kuntratt.

21 Barra minn hekk, din il-qorti tindika li, skont l-Artikolu 509(2) tal-Kodiċi Ċivili Pollakk, invokat minn E.B. insostenn tal-appell tiegħu u kif interpretat mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), it-trasferiment ta' kreditu jwassal għal trasferiment mhux biss tad-dritt ta' kreditu fil-patrimonju taċ-ċessjonarju, iżda wkoll tad-drittijiet marbuta miegħu, inkluż dak li tiġi invokata l-applikazzjoni ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li jinsab fil-kuntratt li n-nuqqas ta'

eżekuzzjoni tiegħu ta lok għall-kreditu inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, iċ-ċessjoni ta' kreditu ma timplikax it-trasferiment, a karigu taċ-ċessjonarju, tal-obbligi li ċ-ċedent kien marbut bihom fil-konfront tad-debitur ittrasferit.

22 Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 25 tar-Regolament Brussell Ia għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kriterji ta' analiżi stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni tapplikax fir-relazzjoni bejn waħda mill-partijiet inizjali għall-kuntratt li fih din il-klawżola hija inkluża u terz għal dan il-kuntratt, humiex applikabbli f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża li hija adita biha.

23 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza l-fatt li, b'differenza minn din il-kawża, dawk li taw lok għas-sentenzi tas-7 ta' Frar 2013, Refcomp (C-543/10, EU:C:2013:62), tal-21 ta' Mejju 2015, CDC Hydrogen Peroxide (C-352/13, EU:C:2015:335), u tat-18 ta' Novembru 2020, DelayFix (C-519/19, EU:C:2020:933), kienu jikkonċernaw klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li kienet invokata kontra terz li inizjalment ma kienx ta l-kunsens tiegħu u li kien jopponi l-applikazzjoni tagħha.

24 Bl-istess mod, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, għalkemm, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2017, Leventis u Vafeias (C-436/16, EU:C:2017:497), il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni kien ġie invokat minn terz fil-kuntratt li fih kien iddaħħal dan il-ftehim, dan it-terz, madankollu, ma kellu ebda relazzjoni funzjonali mal-partijiet inizjali fil-kuntratt li tiġġustifika t-teħid tad-drittijiet li jirriżultaw minn dan il-kuntratt jew mill-ftehim imsemmi. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda kawżi relatati ma' oqsma speċjalizzati, b'mod partikolari l-oqsma tal-poloz ta' kargu, tal-kuntratti ta' assigurazzjoni u tal-kuntratti ta' kumpannija, ma tistax tiġi trasposta, b'mod ġenerali, għal kull tip ta' kuntratt.

25 Skont il-qorti tar-rinviju, mill-prinċipju tal-awtonomija tal-volontà jirriżulta li ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni jista' jipproduċi l-effetti tiegħu biss fir-relazzjoni bejn il-partijiet li inizjalment taw il-kunsens tagħhom għalih. Għalhekk jidhrilha li terz fil-kuntratt li fih iddaħħal tali ftehim, anki jekk jakkwista ċerti drittijiet ta' kreditu li jirriżultaw minn dan il-kuntratt, ma jistax jinvoka dan il-kuntratt.

26 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-oppożizzjoni tal-parti kontraenti inizjali hijiex determinanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-applikabbiltà ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li tinsab fil-kuntratt li hija kkonkludiet maċ-ċedent ta' kreditu li nħoloq min-nuqqas ta' eżekuzzjoni tiegħu u li huwa invokat minn terz bħala ċessjonarju ta' dan il-kreditu. Din il-qorti tixtieq tkun taf ukoll, jekk ikun il-każ, jekk, sabiex dan it-terz ikun jista' validament jinvoka din il-klawżola, huwiex neċessarju li d-debitur ittrasferit, fil-kwalità tiegħu ta' parti kontraenti inizjali, jifformula kunsens ġdid f'dan ir-rigward.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 tar-[Regolament Brussell Ia), għandhom jiġu interpretati fis-sens li jagħtu liċ-ċessjonarju ta' kreditu li jirriżulta minn kuntratt ta' eżekuzzjoni ta' xogħlijiet id-dritt li jinvoka l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkluża f'dan il-kuntratt fil-konfront tal-parti oriġinali fil-kuntratt meta, fil-każ li l-kuntratt ta' ċessjoni wassal, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali applikabbli għall-mertu tat-tilwima, għat-trasferiment tal-kreditu u tal-aċċessorji tiegħu, imma mhux tal-obbligi li jirriżultaw minn dan il-kuntratt?

2) L-oppożizzjoni tal-firmatarju għall-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, li fil-konfront tiegħu tressqet it-tilwima, hija rilevanti f'każ bħal dak imsemmi iktar 'il fuq, għad-determinazzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni? Huwa meħtieġ ftehim mill-ġdid tal-firmatarju, preċedentement jew fl-istess ħin tal-azzjoni ġudizzjarja, sabiex iċ-ċessjonarju jkun jista' jibbaża ruħu fuq il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni?"

Fuq id-domandi preliminari

28 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia għandux jiġi interpretat fis-sens li terz, bħala ċessjonarju ta' kreditu kumpensatorju li jirriżulta min-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, jista' jinvoka din il-klawżola fir-rigward tal-parti kontraenti inizjali, bħala debitur ittrasferit ta' dan il-kreditu, għall-finijiet ta' azzjoni għall-irkupru tal-imsemmi dejn u mingħajr il-kunsens ta' dan id-debitur, f'sitwazzjoni fejn, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli għal dan il-kuntratt, kif interpretat mill-ġurisprudenza nazzjonali, ċessjoni ta' kreditu twassal għal trasferiment mhux biss tad-dritt ta' kreditu fil-patrimonju taċ-ċessjonarju, iżda wkoll tad-drittijiet marbuta mal-imsemmi kreditu, inkluż dak li tiġi invokata l-applikazzjoni ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li jinsab fl-imsemmi kuntratt.

29 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia, "[j]ekk il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu inkonnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru".

30 Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma tippreċiżax jekk klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni tistax tiġi ttrasferita, lil hinn miċ-ċirku tal-partijiet f'kuntratt, lil terz, parti f'kuntratt sussegwenti u suċċessur, fl-intier jew parzjalment, għad-drittijiet u għall-obbligi ta' waħda mill-partijiet fil-kuntratt inizjali (sentenza tal-25 ta' April 2024, Maersk u Mapfre España, C-345/22 sa C-347/22, EU:C:2024:349, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u lanqas jekk terz jistax jinvoka tali klawżola kontra waħda minn dawn il-partijiet inizjali.

31 Xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia jeżiġi mingħajr ekwivoku, bħala kundizzjoni sostantiva ta' validità, li l-partijiet ikunu "qablu" dwar qorti jew qrati ta' Stat Membru. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2025, Società Italiana Lastre (C-537/23, EU:C:2025:120, punt 35).

32 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament Brussell Ia, minħabba li jidderogaw kemm mir-regola stabbilita fl-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, li abbażi tagħha l-ġurisdizzjoni hija ddeterminata mill-prinċipju ġenerali tal-qorti tal-konvenut, kif ukoll minn dik li tipprovdi li l-ġurisdizzjoni speċjali hija ddeterminata fl-Artikoli 7 sa 9 tal-imsemmi regolament, għandhom jiġu interpretati b'mod strett fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fihom (sentenza tas-27 ta' Frar 2025, Società Italiana Lastre (C-537/23, EU:C:2025:120, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-qorti adita għandha l-obbligu li teżamina, *in limine litis*, jekk il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni effettivament kinitx suġġetta għall-kunsens bejn il-partijiet inizjali tal-kuntratt, li għandu jkun immanifestat b'mod ċar u preċiż, peress li l-forom rikjesti mill-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia għandhom, f'dan ir-rigward, il-funzjoni li jiżguraw li l-kunsens ikun effettivament stabbilit. Isegwi li, bħala prinċipju, klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni mdaħħla f'kuntratt tista' tipproduċi l-effetti tagħha biss fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet li taw il-kunsens tagħhom għall-konklużjoni ta' dan il-kuntratt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, DelayFix, C-519/19, EU:C:2020:933, punti 41 u 42, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 Madankollu, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, klawżola li għaliha terz għall-kuntratt ma jkunx ta l-kunsens tiegħu tista' tiġi invokata kontra dan tal-aħħar biss bil-kundizzjoni li jkun issuċċeda, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli għall-mertu, kif iddeterminat b'applikazzjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat tal-qorti adita, lill-parti inizjali l-oħra għall-kuntratt fid-drittijiet u fl-obbligi kollha tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Mejju 2015, CDC Hydrogen Peroxide, C-352/13, EU:C:2015:335, punt 65, u tat-18 ta' Novembru 2020, DelayFix, C-519/19, EU:C:2020:933, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Reċiprokament, terz għall-kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni għandu għalhekk ikun jista' jinvoka din il-klawżola fir-rigward ta' parti inizjali f'dan il-kuntratt bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li għalihom din tista' tinvoka l-imsemmija klawżola fil-konfront tiegħu, jiġifieri meta jkun issostitwixxa lill-parti inizjali l-oħra tal-imsemmi kuntratt fid-drittijiet u fl-obbligi kollha tiegħu.

36 Fil-fatt, fil-każ kuntrarju, il-parti kontraenti inizjali, bħala debitur ittrasferit, tingħata iktar drittijiet milli kellha qabel iċ-ċessjoni tal-kreditu sa fejn hija tkun tista' tagħżel, wara dan it-trasferiment, li ma tibqax marbuta bil-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li hija tkun ikkonkludiet maċ-ċedent (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' April 2024, Maersk u Mapfre España, C-345/22 sa C-347/22, EU:C:2024:349, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 Tali soluzzjoni hija meħtieġa fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Brussell Ia kif jirriżultaw b'mod partikolari mill-premessi 15 u 16 tiegħu, li minnhom jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jadotta regoli ta' ġurisdizzjoni li għandhom livell għoli ta' prevedibbiltà u ta' trasparenza sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali u tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li, sabiex jiġu promossi dawn l-għanijiet, b'mod partikolari dak relatat maċ-ċertezza legali, hemm lok li tissaħħaħ il-protezzjoni legali tal-persuni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, billi tippermetti kemm lir-rikorrent jidentifika faċilment il-qorti li jista' jadixxi kif ukoll lill-konvenut li jipprevedi b'mod raġonevoli dik il-qorti li jista' jiġi mħarrek quddiemha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2025, Società Italiana Lastre, C-537/23, EU:C:2025:120, punti 38 u 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 Issa, tali għanijiet jistgħu jiġu kompromessi jekk l-infurzabbiltà ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni fir-relazzjoni bejn waħda mill-partijiet inizjali għall-kuntratt li fih tinsab din il-klawżola u terz għal dan il-kuntratt tkun tiddependi mill-kwistjoni dwar jekk hijiex waħda minn dawn il-partijiet inizjali jew dan it-terz li jinvokaha fl-ewwel lok billi jadixxi lill-qorti magħżula, li jkun il-każ jekk l-imsemmi terz ma jkunx jista' jinvoka l-imsemmija klawżola fir-rigward tal-imsemmija partijiet inizjali taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li fihom dawn jistgħu, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 34 ta' din is-sentenza, jopponu l-istess klawżola fil-konfront tiegħu.

39 Minn dan jirriżulta li, f'sitwazzjoni li fiha parti inizjali għall-kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni ma tkunx tat il-kunsens tagħha sabiex din il-klawżola tiġi invokata kontriha minn terz għal dan il-kuntratt, dan tal-aħħar jista' madankollu jinvoka l-imsemmija klawżola fir-rigward ta' din il-parti inizjali jekk ikun issuċċeda lill-parti inizjali l-oħra għall-imsemmi kuntratt fid-drittijiet u fl-obbligi kollha tagħha li jirriżultaw mill-istess kuntratt.

40 F'dan il-każ, mingħajr preġudizzju għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, mhux biss K.P., fil-kwalità tagħha bħala debitur ittrasferit tal-kreditu kumpensatorju inkwistjoni, ma tatx il-kunsens espress tagħha sabiex il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkwistjoni tiġi invokata kontriha minn E.B., iżda din tal-aħħar lanqas ma ssuċċediet fid-drittijiet u fl-obbligi kollha ta' E. S.A. li jirriżultaw mill-kuntratt ta' subappalt inkwistjoni. Fil-fatt, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li E. S.A. sempliċement ittrasferixxiet il-kreditu kumpensatorju inkwistjoni lil E.B.

41 Madankollu, skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) tinterpreta, fil-ġurisprudenza tagħha, l-Artikolu 509(2) tal-Kodiċi Ċivili Pollakk, applikabbli għall-kuntratti kollha konklużi bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali kif jirriżulta mill-punt 13 ta' din is-sentenza, fis-sens li t-trasferiment ta' kreditu jwassal għal trasferiment mhux biss tad-dritt ta' kreditu fil-patrimonju taċ-ċessjonarju, iżda wkoll tad-drittijiet marbuta ma' dan il-kreditu, jiġifieri f'dan il-każ il-kreditu kumpensatorju inkwistjoni, inkluż dak li tiġi invokata l-applikazzjoni ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li jinsab fil-kuntratt li n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tiegħu ta lok għaliha.

42 Il-qorti tar-rinviju tixtieq għalhekk tkun taf jekk l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia, jipprekludix tali ġurisprudenza nazzjonali, li minnha jirriżulta li l-parti kontraenti inizjali, bħala debitur ittrasferit, tista' validament tiġi invokata fil-konfront tagħha klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni minn terz għall-kuntratt li fih tiddaħħal din il-klawżola, fil-kwalità tagħha ta' ċessjonarju ta' kreditu li jirriżulta minn dan il-kuntratt, minkejja li ma tkunx tat il-kunsens tagħha sabiex l-imsemmija klawżola tiġi invokata kontriha minn dan it-terz.

43 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja esposta fil-punt 33 ta' din is-sentenza, klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni mdaħħla f'kuntratt, bħala prinċipju tista' tipproduċi l-effetti tagħha biss fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet li jkunu taw il-kunsens tagħhom għall-konklużjoni ta' dan il-kuntratt. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li din il-ġurisprudenza hija intiża biex tipproteġi lit-terzi għall-imsemmi kuntratt, iktar milli lill-partijiet inizjali fl-istess kuntratt.

44 Fil-fatt, sa fejn ir-realtà tal-kunsens tal-partijiet inizjali għall-kuntratt li jkunu marbuta bil-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni fir-rigward tat-tilwim li jirriżulta mill-kuntratt li fih tinsab din il-klawżola tista' tiġi stabbilita (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2024, Maersk u Mapfre España, C-345/22 sa C-347/22, EU:C:2024:349, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), dawn il-partijiet inizjali ma jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik li jinsab fiha terz għall-kuntratt, li lilu ġie ttrasferit kreditu li jirriżulta minn dan il-kuntratt iżda li ma tax il-kunsens tiegħu għall-imsemmija klawżola, b'tali mod li ma hemmx lok li jingħataw l-istess protezzjoni bħal lil tali terz.

45 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Brussell I, il-limitazzjoni tal-portata ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni biss għat-tilwim li joriġina mir-relazzjoni ġuridika li fir-rigward tagħha ġiet miftiehma din il-klawżola għandha l-għan li tevita li parti tiġi sorpriża bl-attribuzzjoni lil qorti partikolari tat-tilwim li jqum f'relazzjonijiet differenti minn dak li fir-rigward tiegħu tkun ġiet

miftiehma l-attribuzzjoni ta' ġurisdizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2015, CDC Hydrogen Peroxide, C-352/13, EU:C:2015:335, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata). Sa fejn l-Artikolu 25 tar-Regolament Brussell Ia, li, skont it-tabella li tinsab fl-Anness III ta' dan l-aħħar regolament, jikkorrispondi għall-Artikolu 23 tar-Regolament Brussell I, jinkludi wkoll il-kliem "tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu inkonnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari", din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta għall-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2025, Società Italiana Lastre, C-537/23, EU:C:2025:120, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Issa, tilwima li tirrigwarda l-irkupru ta' kreditu kumpensatorju abbażi tar-responsabbiltà ta' waħda mill-partijiet inizjali fil-kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni inkorrett ta' dan il-kuntratt toriġina mir-relazzjoni legali li fir-rigward tagħha ġiet miftiehma din il-klawżola, b'tali mod li din il-parti inizjali ma tistax tkun sorpriża li titressaq quddiem il-qorti indikata mill-imsemmija klawżola għall-finijiet ta' dan l-irkupru, anki meta dan il-kreditu ta' kumpens ikun ġie ttrasferit lil terz għall-kuntratt.

47 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja esposta fil-punt 36 ta' din is-sentenza, għandu jiġi evitat li t-trasferiment ta' kreditu li jirriżulta mill-kuntratt li fih tinsab il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni jkollu l-effett li jagħti iktar drittijiet lill-parti kontraenti inizjali taċ-ċedent milli kellu qabel dan it-trasferiment.

48 Konsegwentement, għandu jitqies li, fil-każ ta' trasferiment ta' kreditu li jirriżulta minn kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, id-debitur ittrasferit, li huwa parti kontraenti inizjali taċ-ċedent, għandu jibqa', bħala prinċipju, marbut b'din il-klawżola.

49 Xorta jibqa' l-fatt li, minn naħa, din il-parti kontraenti inizjali lanqas ma għandha titqiegħed f'sitwazzjoni inqas favorevoli minħabba dan it-trasferiment ta' kreditu. Fi kliem ieħor, din il-klawżola għandha tiġi interpretata fis-sens li tiġi evitata kull sitwazzjoni li fiha l-imsemmija parti kontraenti tista' titressaq quddiem qrati differenti minn dawk li setgħu jiġu aditi mill-parti inizjali l-oħra fil-kuntratt abbażi tal-klawżola msemmija.

50 Fil-fatt, tali interpretazzjoni tippermetti li jiġi promoss l-għan ta' ċertezza legali li jfittex ir-Regolament Brussell Ia, imfakkar fil-punt 37 ta' din is-sentenza, sa fejn din tiggarantixxi lill-konvenut li jkun f'pożizzjoni li jipprevedi raġonevolment il-qorti li quddiemha huwa jista' jiġi mfittex, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk kreditu li jirriżulta mill-kuntratt li fih tinsab il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni ġiex ittrasferit jew le.

51 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-Regolament Brussell Ia huwa intiż, bl-istess mod bħar-Regolament Brussell I li ssostitwixxa, biex jiggarantixxi l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża, li jiżgura bilanċ ġust bejn id-drittijiet tar-rikorrent u dawk tal-konvenut kif ukoll biex jipproteġi, sa fejn huwa possibbli, lill-konvenuti ddomiċiljati fit-territorju tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2011, Hypoteční banka, C-327/10, EU:C:2011:745, punti 33, 46 u 48). Dawn l-għanijiet huma riflessi, b'mod partikolari fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Brussell Ia, mill-prinċipju li jgħid li l-persuni ddomiċiljati fit-territorju ta' Stat Membru għandhom jiġu mfittxija, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru u, fl-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament, minn limitazzjoni tas-sitwazzjonijiet li fihom il-persuni ddomiċiljati fit-territorju ta' Stat Membru jistgħu, bħala eċċezzjoni, jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor.

52 Min-naħa l-oħra, il-partijiet inizjali fil-kuntratt jistgħu, qabel kollox, jiftiehmu espressament dwar in-nuqqas ta' infurzabbiltà fil-konfront tagħhom tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni li jipprevedi dan il-kuntratt fil-każ ta' trasferiment lil terz ta' kreditu li jirriżulta mill-imsemmi kuntratt.

53 Fil-fatt, mill-premessa 19 tar-Regolament Brussell Ia jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jipprivileġġa l-osservanza tal-prinċipju ta' awtonomija tal-volontà, b'tali mod li għandha tkun konformi mal-għażla tal-partijiet, mingħajr preġudizzju, minn naħa, għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 25(4) ta' dan ir-regolament, moqri flimkien mal-Artikoli 15, 19 u 23 tiegħu, fil-qasam tal-kuntratti ta' assigurazzjoni, ta' konsum u ta' xogħol, u, min-naħa l-oħra, għall-fora li jibbenefikaw minn ġurisdizzjoni esklużiva, konformement ma' dan l-Artikolu 25(4) moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2025, Società Italiana Lastre, C-537/23, EU:C:2025:120, punti 56 u 64).

54 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 48 ta' din is-sentenza, fin-nuqqas ta' tali ftehim espress, fil-każ ta' trasferiment ta' kreditu li jirriżulta minn kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, id-debitur ittrasferit, parti kontraenti inizjali taċ-ċedent, għandu jibqa' marbut minn din il-klawżola u ma jistax jopponi unilateralment l-applikazzjoni tagħha meta ċ-ċessjonarju ta' dan il-kreditu jadixxi lill-qorti indikata skont l-imsemmija klawżola għall-irkupru tal-imsemmi kreditu.

55 F'dan il-każ, E. S.A. u K.P., bħala partijiet inizjali fil-kuntratt ta' subappalt inkwistjoni, qablu, permezz tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni inkwistjoni, li l-"qorti tas-sede tal-kontraent" għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-tilwim li jirriżulta minn dan il-kuntratt, inkluż fir-rigward tal-kreditu kumpensatorju inkwistjoni, li jirriżulta mill-imsemmi kuntratt. Issa, minn naħa, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li E.B., bħala ċessjonarju ta' dan il-kreditu, adixxiet lill-istess qorti bħal dik li setgħet tiġi adita minn E. S.A., skont din il-klawżola, li kieku din l-aħħar kumpannija ma kinitx ittrasferitilha l-imsemmi kreditu, b'tali mod li K.P. ma jidhirx li tqiegħed f'sitwazzjoni inqas favorevoli minħabba dan it-trasferiment. Min-naħa l-oħra, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li dawn il-partijiet inizjali kienu qablu li, fil-każ ta' trasferiment ta' kreditu li jirriżulta mill-kuntratt ta' subappalt inkwistjoni, l-imsemmija klawżola ma tistax tiġi invokata fil-konfront tagħhom miċ-ċessjonarju. Għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għal verifika mill-qorti tar-rinviju, jidher li, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, E.B. hija fondata li tinvoka l-istess klawżola kontra K.P. sabiex tikseb l-irkupru tal-kreditu kumpensatorju inkwistjoni.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Brussell Ia għandu jiġi interpretat fis-sens li terz, bħala ċessjonarju ta' kreditu kumpensatorju li jirriżulta min-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, jista' jinvoka din il-klawżola fir-rigward tal-parti kontraenti inizjali, bħala debitur ittrasferit ta' dan il-kreditu, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li l-parti inizjali l-oħra fil-kuntratt setgħet tinvoka fir-rigward tal-aħħar, għall-finijiet ta' azzjoni għall-irkupru tal-imsemmi dejn u mingħajr il-kunsens ta' dan id-debitur, f'sitwazzjoni fejn, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli għal dan il-kuntratt, kif interpretat mill-ġurisprudenza nazzjonali, ċessjoni ta' kreditu twassal għal trasferiment mhux biss tad-dritt ta' kreditu fil-patrimonju taċ-ċessjonarju, iżda wkoll tad-drittijiet marbuta mal-imsemmi kreditu, inkluż dak li tiġi invokata l-applikazzjoni ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li jinsab fl-imsemmi kuntratt, sakemm il-partijiet inizjali fil-kuntratt ma jkunux ftehemu espressament dwar in-nuqqas ta' invokazzjoni ta' din il-klawżola fir-rigward tagħhom f'każ ta' trasferiment lil terz ta' debitu li jirriżulta mill-istess kuntratt.

Fuq l-ispejjeż

57 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

terz, bħala ċessjonarju ta' kreditu kumpensatorju li jirriżulta min-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt li fih tinsab klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, jista' jinvoka din il-klawżola fir-rigward tal-parti kontraenti inizjali, bħala debitur ittrasferit ta' dan il-kreditu, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li l-parti inizjali l-oħra fil-kuntratt setgħet tinvoka fir-rigward tal-aħħar, għall-finijiet ta' azzjoni għall-irkupru tal-imsemmi dejn u mingħajr il-kunsens ta' dan id-debitur, f'sitwazzjoni fejn, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli għal dan il-kuntratt, kif interpretat mill-ġurisprudenza nazzjonali, ċessjoni ta' kreditu twassal għal trasferiment mhux biss tad-dritt ta' kreditu fil-patrimonju taċ-ċessjonarju, iżda wkoll tad-drittijiet marbuta mal-imsemmi kreditu, inkluż dak li tiġi invokata l-applikazzjoni ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni li jinsab fl-imsemmi kuntratt, sakemm il-partijiet inizjali fil-kuntratt ma jkunux ftehemu espressament dwar in-nuqqas ta' invokazzjoni ta' din il-klawżola fir-rigward tagħhom f'każ ta' trasferiment lil terz ta' debitu li jirriżulta mill-istess kuntratt.

Firem